*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 14**

**It-Tlieta 15 ta' Lulju 2025.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku

Beverly Saliba – Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**14.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud.

**14.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 13 li saret Nhar l-Erbgħa 18 ta' Ġunju 2025:***

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela talab sabiex paġna 8 paragrafu 13.9.2 it-titlu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (Nru 044 – 20/6/25)*

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

14.2.2 **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 13 li saret Nhar l-Erbgħa 18 ta' Ġunju 2025:**

14.2.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 2 artiklu 13.2.2.1 u staqsa fejn wasalna fuq *it-traffic lights* ta' Bella vista.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela qal li saru xi sinjali mal-art biex jindikaw is-servizzi.

Il-Kunsillier is-sur Francis Gilford qal li huwa tal-opinjoni li l-*one way systems* ta' Bellavista għandhom isiru xorta peress li jkun hemm konfużjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li *Transport Malta* qalu li l-ewwel jridu jsiru t-*traffic lights* ta' quddiem l-Inspire imbgħad għal *one way system* trid issir konsultanzjoni mar-residenti.

14.2.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 2 artiklu 13.2.2.3 jekk kelniex risposta meta ser jibda ix-xogħol fuq Triq Sant Anna u Triq La Sengle.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għad ma għandiex risposta.

14.2.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 2 artiklu 13.2.2.8 jekk xtrajniex iż-żebgħa non slip.

Is-Sindku qal li għadu ma ġabiex imma qed nippruvaw inġibu sample mingħad JS Ironmongery.

14.2.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 artiklu 13.2.2.12 jekk għandiex risposta mill-*Lands* fuq triq ħdejn iz-Zion fil-Bajja San Tumas jekk hux privata jew le.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bgħatna lil *Lands Department* sabiex jgħidulna liema formola irridu nimlew.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar iċċekkja fil-*website* tal-*Lands* u qal li l-formola li trid timtela hija LC1 .

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li tista tgħin fir-rigward l-informazjoni li għanda bżonn mingħad il-*Lands Department*.

Id-diskussjoni tkompliet dwar jekk id-dgħajjes li tneħħew minn San Tumas biex isir ix-xogħol hux ser jerġu jitpoġġew jew le, però direzzjoni ċara ma hemmx. Il-Kunsilliera qalu li fl-opinjoni tagħhom opri kbar ma għandhomx jitħallew hemmhekk.

Is-Sindku qal li f'Setttembru ser jibda ix-xogħol minn ħdejn il-Knisja sal-Jerma u anke issemmiet il-ferry.

14.2.2.5 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 paragrafu 13.2.2.5 jekk għandiex risposta fuq it-tapit tal-Pjazza Mifsud Bonnici għaliex hemm abbuż kbir u hemm bżonn enforcement għaliex qed jilgħabu bil-ballun u bir roti u l-*kiddie machines* fin-nofs.

Kien hemm qbil li nifurmaw lil Kummisarju u s-Surgent Caroline Camilleri.

Il-Kunsill qabel ukoll li nerġu nikkuntatjaw lil min kien ser jisponserja it-tapit.

14.2.2.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 4 paragrafu 13.2.2.11 fuq il-kuntrattur l-ġdid tat-tarmak jekk bediex ix-xogħol.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ilna nistennew ħafna u għanda inqablu il-prezzijiet mas-*second bidder* u filkas imorru għas-*second bidder* għaliex biex noħorġu sejħa oħra ser ndumu.

Is-Sindku qal u ix-xogħol li għamel ta' Triq il-Btieti mhux tajjeb.

Is-Segretarju Eżekuttiv beda jikkomunika mal-kuntrattur waqt il-laqgħa.

14.2.2.7 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 6 paragrafu 13.7.2 rigward il-ftuħ tal-latrini bl-iskeda tas-sajf.

Is-segretarju Eżekuttiv qal li diġà beda.

Il-Kunsill qabel sabiex fil-ġimgħa tal-festa il-latrina tibqa miftuħa sa nofs il-lejl.

14.2.2.8 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 6 paragrafu 13.7.3 jekk kellminiex lil MTA fuq il-latrina ta San Tumas.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ktibnilhom imma ma għandiex risposta.

Is-Sindku qal li f'Settembru ser jibda ix-xogħol fil-Fajtata min-naha ta' IM u FTZD.

14.3 **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

14.3.1 **<u>Rilokazzjoni tal-istalls matul l-festa tar-raħal</u>**
**<u>Assenjar ta' postijiet tal-istalls għal waqt l-attivita tal-Karnival.</u>**

Is-Sindku qal li kien hemm 3 stalls li prezentament jitpoġġew quddiem il-garaxx tal-knisja u minflok ser jiġu rilokati kif gej :wieħed ħdejn is-Summer Nights u tnejn ħdejn il-banka tal-lottu.

Kien hemm qbil li nġibuha fil-gazzetta tal-gvern.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri daħlet għal laqgħa fis-6.45pm***

14.3.2 ***<u>Żonqor Public Convenience estimate (35/1827/25/I):</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm 2 stimi waħda sabiex titranġa u ġiet tiswa €37,240 u oħra sabiex titwaqqa terġa tinbena u tiġi iffinixjata u ser tiġi tiswa €78,470.

Kien hemm qbil li nitolbu L-Onor Glenn Bendifield jekk jistax ix-xogħol jsir min-naħa tal-*Cleansing* anke jekk bħala finishes jsiru mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem ma persuna minn MTA u qallu li huwa għandhom fondi li jistghu jintuzaw mil-kunsill u nistgħu anke inkelmuhom fuq l-ispejjeż tal-latrina.

14.3.3 ***<u>Letter to Marsaskala Local Council from The Grand Priory of Malta (35/1857/25/I):</u>***

Is-Sindku qal li peress li mil-Kunsill tagħna hemm 5 membri f'din l-ordni ta' San Lazr u Priory qed jitlob li jsir monument żgħir b'salin fuqhu fil-Ġnien Sant'Anna quddiem il-binja tal-Kunsill.

Kien hemm qbil dwar dan u nitolbuh jibgħatilna l-*ispecifications*.

14.3.4 Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li kelmuh tar-Remax u staqsewh jekk jistgħux jgħamlu bar quddiem il-ħanut tagħhom waqt il-festa.

Il-Kunsill qal li ma jistax għaliex in-natura tal-business taghhom mhux ta' bar.

14.3.5 **<u>DPF Funds</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li għandna jkollna *update* fuq id-dpf funds ħalli naraw xi proġetti nistgħu nagħmlu.

14.3.6 **<u>Sponsorship Latrina:</u>**

Is-Sindku qal li kienu qed jitkelmu mas-sidien taċ-*Cerviola Hotel* rigward id-Douzelage u dan waqt id-diskussjoni offra li jaghti sponsor ghal-ispejjez involuti mal-manutenzjoni tal-latrina ta' taħt il-knisja. Il-kunsill qabel li jekk dan iseħħ issir plakka f'post prominenti li il-latrina ġiet sponorjata miċ-*Cerviola Hotel*.

Kien hemm qbil li niltaqghu miegħu ghal aktar informazzjoni.

14.3.7 **<u>Jum Marsaskala 7 ta' Settembru 2025:</u>**

Is-Sindku qal li issir quddiesa filgħodu u tkellem mas-Segretarja Parlamentari tal-Annimali u peress li jsiru it-tberik tal-annimali qed titlob biex issir ċerimonja bil-kukkardi. Is-Sindku qal li idelagazzjoni Ċiniża qed jitolbu jgħamlu bħal festa ċiniża.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li ġurnata qabel ser issir is-symposium.

14.4 ***<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>***

14.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**14.5** ***<u>Rapporti:</u>***

**14.5.1** **<u>Quarterly Report 2nd quater (April sa Ġunju):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega il-*quarterly report* minn April sa Ġunju 2025.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni sabiex din is-sena ma nonfqux ħafna peress li is-sena dieħla għanda id-Douzelage.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Ablea ppropona l-approvazzjoni tal-quarterly report u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

- ***Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon daħlet għal laqgħa fid-7.05pm***

**14.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx hemm items oħra

**14.7** ***Korrispondenza:***

**14.7.1** **Proposal Triq il-Baħħara one way (35/1716/25/I):**

Il-Kunsilliera qablu li l-parkeġġi li hemm proposti li jsiru fi Triq il-Baħħara għandom jiġu angolati ħalli meta jirriversjaw jkollom *clearance aħjar*.

Kien hemm qbil dwar dan.

**14.7.2** **Proposal WC Damage report San Tumas (35/1780/25/I):**

Is-Segretarju Eżeiuttiv qal li f'dan ir-rapport is-saqaf tal-latrina ta' San Tumas mhux qiegħed fi stat tajjeb pero mhux fil-periklu imma jrid jiġi irrenġat.

Il-Perit qed jitlob illi jitwaqqa it-tikħil sabiex tinkixef ix-xibka u il-Perit jkun jista jerġa jmur jara sabiex jara f'liema stat qeda ix-xibka.

**14.7.3** **Request for declaration regarding shrub relocation at Triq ix-Xatt (35/1767/25/O):**

Is-Sindku qal li l-applikanti talbu li l-palma tiġi rilokata b'1.5 metru però innutaw li kienet ser tiġi quddiem propjetà ta ħaddieħor u allura biex ma jkollniex problemi il-quddiem jekk tiġi rilokata b'nofs metru tiġi bejn iż-żewġ appoġġi.

Kien hemm qbil dwar dan u jekk is-siġra tmut jrid jbiddilha u rolikazzjoni issir spejjeż għalih.

**14.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 14:***

**14.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta kont li daħal tard tas-Sinjura Dorren Mintoff għas-sevizz ta accountant għax xahar ta Ġunju b'invoice mo 25_022 li jammonta għal €1050.20.

**14.8.2** Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar ippropna l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni

**14.9** ***Mozzjonijiet:***

**14.9.1** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku (Nru 047-12/8/25)***

Jipproponi sabiex bla telf ta' żmien jitneħħew l-iskips tal-ħwienet min fuq il-promenade. Mhux ġust li kull min jgħaddi min hemm ikollu jagħmel sagrifiċċju u jxomm rwejjaħ ta' ħafna skart inkluz ikel u fdalijiet tal-ħut li jkun ilu hemm ġimgħa sħiħa fix-xemaomunjali.

Kien hemm qbil dwar dan.

**14.9.2** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier Francis Gilford (Nru 046-10/7/25)***

Jipproponi sabiex li issa li tlesta ix xogħol mill-kuntrattur imqabbad mill-WSC fi Triq il Bidni terġa' issir is-sleeping Police man fejn kienet. Fil bidu tan niżla'.

Kien hemm qbil dwar dan

**14.10** Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 19 ta' Awwissu 2025 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 15 ta' Lulju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _____________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |